MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 189/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Raymond Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Busuttil talli:

(1) Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1988) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fid-29 ta' Jannar 2004 fil-hanut Break Time, Pjazza San Luqa, Pieta`, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-

htigijiet specifikati fil-partita 10 ta’ l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista;

(2) Fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi pprovduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il provvista;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Raymond Busuttil hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' mitejn mitt liri Maltin (Lm200) u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni li nghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel wahda;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Raymond Busuttil pprezentat fl-14 ta’ Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens li waqt li l-ispetturi tal-VAT kienu qeghdin jinvestigaw lill-appellant, f’ebda hin ma nfurmawh illi l-informazzjoni li qieghda tinghata u t-twegibiet li qieghed jaghti setghu jintuzaw kontra tieghu bhala prova, kif difatti gew hekk uzati; f’ebda hin ma wissewh li seta’ ma jwegibx u kull ma jwiegeb seta’ jintuza kontra tieghu. Jghid li huwa minnu li l-ligijiet li jirregolaw il-VAT jiddisponu mis-soliti formalitajiet procedurali, bhal per ezempju sa fejn jirrigwarda l-awtenticita` tad-dokumenti

esebiti mill-prosekuzzjoni, izda dak li l-ligi ma ddisponietx minnu irid jigi osservat, *inter alia* l-garanzija li hadd ma ghandu jinkrimina lilu nnifsu jekk mhux qabel jinghata t-twissija msemmija. Skond l-appellant, tali garanzija tohrog mid-decizjonijiet ta' din il-Qorti u hija sancita mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk, isostni, kull prova giet ottenuta bi ksur ta' dan il-principju.

Jinghad mill-ewwel li in kwantu l-appellant jidher li qed iqajjem kwistjoni ta' natura kostituzzjonali, dan hu ghal kollox frivolu u vessatorju peress illi l-artikoli li ghalihom irrefera huma d-disposizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li huma ntizi biex tigi zgurata l-protezzjoni tal-ligi ghal min ikun <u>akkuzat</u> b'reat kriminali u ma jirrigwardawx persuna suspettata li tkun wettqet reat kriminali.

Inoltre mix-xiehda mismugha ma jirrizultax li l-ispetturi tal-VAT b'xi mod eccedew il-kompetenza taghhom. L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406) jaghti certi poteri lill-Kummissarju tal-VAT "bil-ghan li jigi zgurat twettiq skond id-disposizzjonijiet" ta' l-imsemmi Kap. 406, fosthom:

**"(b) li jispezzjona u jehtieg il-produzzjoni ta' kotba, kull *record* jew document, inkluz taghrif li jinqara permezz tal-makni, jew kopja jew estratt taghhom li jirrigwardaw l-attivita` ekonomika ta' xi persuna;**

**(c) bla hsara ghad-disposizzonijiet ta' l-artikolu 55, jitlob lil persuna li taghti dak it-taghrif li jista' jehtieg bil-ghan li jigi stabbilit jekk ikunux saru xi provvisti taxxabbli jew xi provvisti ezenti bil-kreditu minn jew lil dik il-persuna …;**

**(d) jitlob il-partikolaritajiet kollha inkluzi l-isem, il-kunjom, l-indirizz u li tintwera l-Karta ta' l-Identita` ta' kull persuna li tkun suspettata li qed tikser xi wiehed mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti maghmula taht dan l-Att"**.

**Anton Borg**, spettur tal-VAT li acceda fil-hanut ta' l-appellant flimkien ma' spettur iehor tal-VAT, Emmanuel Azzopardi li pero` ma xehedx f'dawn il-proceduri, qal li meta kienu fil-hanut Break Time raw bejgh ta' *chips* u *drink* mill-appellant lil ragel u fil-prezenza taghhom ma harigx rcevuta. Meta kkonfrontaw lill-appellant b'dan, huwa "ammetta li ma kienx harigha bi zball". Talbuh jaghmilha u huwa hareg rcevuta izda x'hin iccekkjawha ndunaw li l-ircevuta kella d-data hazina u kienet *non-fiscal*. Talbuh johrog rcevuta manwali u huwa hekk ghamel. Meta avvicinawh kienu identifikaw lilhom nfushom bhala spetturi tal-VAT. Mistoqsi in kontro-ezami jekk tawhx *warning* li dak li jghid jista' jintuza kontra tieghu, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Mix-xiehda ta' Anton Borg huwa evidenti li dak li ghamel hu u siehbu ghamluh skond il-poteri taghhom taht il-ligi tal-VAT u ma kellhom l-ebda obbligu li jtuh *warning* kif qieghed jippretendi l-appellant. Wara kollox dak li qal lill-ispetturi tal-VAT u dak li ghamel fuq talba taghhom ghamlu b'mod ghal kollox volontarju. L-unika difiza tieghu ma' l-ispetturi kienet li ma kienx hareg l-ircevuta "bi zball" u anke meta hareg l-ewwel ircevuta fuq talba taghhom, sahansitra hareg wahda hazina meta kellu ghad-disposizzjoni tieghu rcevuti fiskali li seta' mill-ewwel hareg wahda korretta.

Ghaldaqstant l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-apepll u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------